

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW

L-494 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE TAL-10 U L-11 TA' DIĊEMBRU 2013

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

COM(2013) 522 final – 2013/0248 (COD)

(2014/C 170/07)

Relatur: **is-Sur DIMITRIADIS**

Nhar il-5 ta' Settembru 2013 u l-10 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew rispettivament ddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

COM(2013) 522 final – 2013/0248 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Novembru 2013.

Matul l-494 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2013 (seduta tal-10 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'153 vot favur, 3 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Fil-prinċipju, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-mod li ħadem bih sa issa l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ⁽¹⁾, li huwa appoġġja l-ħolqien tiegħu sa mill-bidu nett ⁽²⁾.

1.2 Il-KESE huwa tal-fehma li r-Regolament 2012/2002 dwar il-funzjonament tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi emendat minnufih – ħaġa li jmissha ilha li saret ⁽³⁾ – u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, allavolja l-proposta l-ġdida hija partikolarment konservattiva, anke fil-fehma tal-Parlament Ewropew ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002, ĠU L 311/3, 14.11.2002 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 14 Volum 01 p. 181-186).

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea" ĠU C 61, 14.3.2003, p. 187-188.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea" ĠU C 28, 3.2.2006, p. 69 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, implimentazzjoni u applikazzjoni C2012/2075 A7-0398/2012, 20 ta' Diċembru 2012.

- 1.3 Il-KESE huwa tal-fehma li, meta fl-2005, il-Kunsill irrifjuta l-proposta ⁽⁵⁾ tal-Kummissjoni, huwa tilef l-opportunità li jibni sisien ġodda għall-funzjonament tal-Fond.
- 1.4 Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li jittieħdu l-miżuri adatti kollha biex jitnaqqas il-piż tal-burokrazija fil-funzjonament tal-FSUE, u li l-proċeduri marbutin miegħu jsiru b'pass iżjed mgħaġġel ⁽⁶⁾.
- 1.5 Il-KESE jaqbel mat-tibdil li l-Proposta l-ġdida għal Regolament ⁽⁷⁾ qed tirrakomanda, f'dak li jirrigwarda l-introduzzjoni ta' ħlas bil-quddiem, definizzjoni iżjed ċara ta' "diżastri maġġuri" u "diżastri reġjonali straordinarji", u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-Istati Membri li ma jidherx il-passi meħtieġa għall-prevenzjoni tad-diżastri.
- 1.6 Il-KESE huwa tal-fehma li, minkejja l-perjodu partikolarment diffiċli mil-lat finanzjarju li għaddejja minnu bħalissa l-UE, hija għandha talloka iżjed riżorsi baġitarji għall-attivitatiet tal-FSUE f'każ li sfortunatament ikun hemm diżastru partikolarment.
- 1.7 Fil-fehma tal-KESE, il-kundizzjonijiet li taħthom jintuża l-FSUE għandhom jiġu ċċarati bis-sħiħ, sabiex ma jkunx hemm stennijiet mingħajr bażi jew isir għodda għall-immanuvrar politiku, iżda wkoll sabiex ma jkunx hemm diżappunt fost il-popolazzjonijiet li jkunu għaddejjin minn żminijiet partikolarment ibsin.
- 1.8 Il-KESE huwa tal-fehma li għodod bħall-FSUE jipprovdu lill-UE b'opportunita' ideali biex jixħtu dawl fuq l-unità u s-solidarjetà tagħha, bil-kundizzjoni li jiġu użati b'mod adegwat u li l-UE tgħarraf liċ-ċittadini Ewropej bl-inizjattivi u l-għajnuna li tipprovdi.
- 1.9 Fil-fehma tal-KESE, l-azzjonijiet previsti għandhom jinkludu wkoll id-diżastri li jiġru għal għarrieda minħabba l-"fenomenu tal-gassijiet b'effett ta' serra", it-tibdil fil-klima inġenerali, iżda wkoll id-diżastri dovuti għal atti terroristiċi.
- 1.10 Il-KESE jistaqsi għala l-limiti stabbiliti biex diżastru jiġi ddikjarat "maġġuri" għandhom daqstant għoljin; dan iġiegħel lill-FSUE juża r-riżorsi tiegħu biss b'mod eċċezzjonali u biss billi jiġu applikati l-klawżoli ta' deroga tiegħu. Huwa tal-fehma li dawn il-limiti minimi msemmija dwar l-iskala tal-ħsara rreġistrata huma partikolarment għoljin, u għandhom jitnaqqsu.
- 1.11 Il-klawżola tas-sussidjarjetà, li l-Kunsill japplika b'mod rigoruż, tirrappreżenta element dissważiv u tikkumplikata b'mod sostanzjali l-isforzi tal-Kummissjoni. Il-KESE jitlob li din tiġi applikata b'mod iżjed flessibbli.
- 1.12 Huwa konvint li f'ħafna każijiet, setgħu ġew evitati u għad jistgħu jiġu evitati diżastri serji permezz tal-użu ta' mekkaniżmi u fondi Ewropej eżistenti, kif ukoll permezz tal-użu tal-għarfien eżistenti.
- 1.13 Huwa jaqbel mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".
- 1.14 Josserva li, sfortunatament, f'dawn l-aħħar snin fl-Ewropa kien hemm żieda sostanzjali fl-għadd ta' diżastri serji.
- 1.15 Huwa jitlob lill-Istati Membri jtejbu l-proċeduri u l-mekkaniżmi interni tagħhom, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-Kummissjoni, billi tingħata fi żmien proporzjonali informazzjoni affidabbli, valida u msejsa fuq bażi soda.
- 1.16 Huwa jemmen li l-perjodu ta' disa' sa tnax-il xahar li fih trid titħallas l-għajnuna huwa twil wisq u ma jissodisfax l-għan ta' għajnuna urġenti u immedjata.
- 1.17 Il-KESE huwa tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar ir-reklamar u l-promozzjoni tal-Fond, sabiex iċ-ċittadini jiffamiljarizzaw ruħhom mal-azzjonijiet li jwettaq.

⁽⁵⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, COM(2005) 108 final (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea", ĠU C 181, 21.6.2012, p. 52.

⁽⁷⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, COM(2013) 522 final, 25 ta' Lulju 2013.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-FSUE twaqqaf fl-2002 wara l-għargħar katastrofiċi li laqtu lill-Ewropa Ċentrali u tat-Tramuntana, bil-għan li jipprovdi lill-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati milqutin minn diżastri naturali maġġuri u għajjnuna sussidjarja sabiex tintradd lura l-ħajja ekonomika u soċjali fir-reġjuni milqutin.

2.2 Il-FSUE twaqqaf skont proċeduri ta' urġenza meta ġie skopert li, minkejja li l-UE kellha fondi sostanzjali biex tirreaġixxi f'każ ta' diżastri naturali fid-dinja kollha, ma kellhiex l-għodod adatti biex tiffaċċja diżastri simili fit-territorju tagħha jew dak tal-pajjiżi kandidati.

2.3 Minn mindu twaqqaf, il-Fond wettaq ħidma sodisfaċenti f'ħafna ċirkustanzi, iżda kien hemm ukoll għadd ta' difetti strutturali jew burokratiċi li l-Kummissjoni ppruvat issib soluzzjoni għalihom permezz tal-Proposta għal Regolament tagħha tal-2005 li, għalkemm intlaqgħet b'sodisfazzjon mill-Parlament Ewropew, ġiet irrifutata mill-Kunsill.

2.4 Il-baġit annwali tal-Fond huwa ta' massimu ta' EUR 1 biljun, ammont li sa issa wera li ma kienx biżżejjed.

3. Ir-regolament fis-seħħ dwar il-funzjonament tal-Fond

3.1 Id-dispożizzjonijiet prinċipali tar-regolament li jistabbilixxi l-FSUE huma dawn li ġejjin:

3.1.1 Il-Fond twaqqaf bex jgħin lill-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati li jkunu qed jiffaċċjaw diżastri naturali maġġuri, u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu b'mod urġenti u effiċjenti.

3.1.2 Huwa jkopri l-Istati Membri u l-pajjiżi li bdew in-negozjati tal-adeżjoni.

3.1.3 Huwa jirrappreżenta għodda komplementari u jipprovdi għajjnuna sussidjarja biex jiġu rifinanzjati attivitajiet urġenti.

3.1.4 L-aspetti prinċipali tad-diżastri maġġuri li huma l-iżjed enfasizzati huma: il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali u l-ekonomija.

3.1.5 B"diżastri maġġuri" jeħtieġ li nifhmu, fil-kuntest tat-test, dawk id-diżastri li jikkawżaw ħsara konsiderevoli mil-lat finanzjarju jew bħala persentaġġ tad-dħul nazzjonali gross (DNG) ⁽⁸⁾.

3.1.6 Huwa jistipula li l-FSUE għandu jopera permezz ta' proċeduri partikolarment rapidi u jieħu deċizzjonijiet b'mod immedjat.

3.1.7 F'kull każ, huwa l-Istat benefiċjarju li għandu r-responsabbiltà li jimplementa l-ghajjnuna.

3.2 Ir-regolament jistipula li huma meħtieġa l-ogħla livell ta' trasparenza u ġestjoni finanzjarja prudenti.

3.3 Fid-dawl tas-somom kbar li ġew stabbiliti għad-"diżastri naturali maġġuri", huwa jintroduċi wkoll klawżoli ta' deroga dwar id-"diżastri straordinarji" u dawk f"pajjiż tal-viċinat", iżda huma suġġetti għal kriterji partikolarment rigorużi u sa massimu ta' EUR 75 miljun. Dawn id-dispożizzjonijiet eċċezzjonali saru r-regola għall-interventi tal-FSUE, minħabba s-somom partikolarment għoljin li inizjalment ġew stabbiliti għad-diżastri maġġuri.

3.4 B'konformità mar-regolament, il-prijoritajiet prinċipali tal-FSUE f'każ ta' diżastru maġġuri huma dawn li ġejjin:

3.4.1 il-funzjonament mill-ġdid immedjat tal-infrastruttura u t-tagħmir fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u l-ilma mormi, it-telekomunikazzjoni, it-trasport u l-edukazzjoni;

3.4.2 il-forniment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-iffinanzjar tas-servizzi tas-salvataġġ;

3.4.3 it-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni tal-wirt kulturali;

3.4.4 it-tindif immedjat taż-żoni milqutin mid-diżastri.

⁽⁸⁾ Biex diżastru jiġi kkunsidrat bħala "maġġuri", irid ikun ikkawża ħsarat għall-ammonta ta' mill-inqas EUR 3 biljun, skont il-prezzijiet tal-2012, jew jirrappreżenta 0,6 % tad-DNG tal-pajjiż ikkonċernat.

3.5 L-Istat Membru milqut għandu, mill-iżjed fis possibbli u mhux iżjed minn għaxar ġimgħat wara l-bidu tad-diżastru, iressaq talba għall-għajnuna quddiem il-Kummissjoni, li fiha jispeċifika l-iskala tal-għajnuna mitluba.

4. Il-proposta biex jiġi emendat ir-regolament

4.1 L-emenda għar-Regolament 2012/2002 diskuss hawnhekk, li jirregola l-funzjonament tal-FSUE, tipprevedi t-tibdil li ġej:

4.1.1 Hija tintegra l-attività tal-Fond fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid għall-perjodu 2014-2020.

4.1.2 Hija tiddefinixxi b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond, u tillimitah għad-diżastri naturali, inklużi dawk ikkaġunati mill-bniedem.

4.1.3 Hija tistabbilixxi limitu ġdid, ta' 1,5 % tal-PDG reġjonali fil-livell tan-NUTS 2 (popolazzjoni bejn it-800 000 u t-3 miljun abitant) għal "diżastri reġjonali".

4.1.4 Hija tipprevedi l-possibbiltà li, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, il-Fond jagħmel pagamenti bil-quddiem b'mod rapidu sa mhux iżjed minn 10 % tal-ammont previst tal-għajnuna finanzjarja, b'limitu stabbilit ta' EUR 30 miljun.

4.1.5 Għall-ewwel darba, hija tikkunsidra d-diżastri li jiżvolġu bil-mod, bħan-nixfa.

4.1.6 Hija tintroduċi dispożizzjonijiet li jinkoraġġixxu prevenzjoni iżjed effettiva tad-diżastri, u tinkoraġġixxi l-użu tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni, u fl-istess ħin tagħti lill-Kummissjoni d-dritt li tirrifjuta talba għall-għajnuna mill-Fond imressqa minn Stat Membru partikolari jekk dan ikun wera negliġenza serja jew jekk jerġa' jkun hemm diżastru simili.

4.1.7 Hija tipprevedi dispożizzjonijiet ġodda dwar l-eleġibbiltà tal-VAT u teskludi l-possibbiltà li l-assistenza teknika tibbenefika mill-Fond.

4.1.8 Hija tawtorizza, taħt ċirkustanzi eċċezzjonali, deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

4.1.9 Sabiex diżastru jkun jista' jiġi definit bħala maġġuri, hija tistabbilixxi ammont ta' EUR 3 biljun jew 0,6 % tad-dħul nazzjonali gross.

5. Il-perspettiva tal-KESE

5.1 Il-KESE qabel mal-ħtieġa li r-Regolament 2012/2002 dwar il-funzjonament tal-FSUE jiġi emendat, b'mod li l-Fond:

5.1.1 isir mekkaniżmu iżjed effiċjenti biex, f'każ ta' diżastri naturali, jappoġġja lill-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-viċinat;

5.1.2 jikseb ukoll kompetenzi biex jintervjeni f'diżastri kkaġunati minħabba inċidenti industrijali jew teknoloġiċi;

5.2 Huwa tal-fehma li l-ammonti previsti huma inadegwati f'każ ta' diżastri massivi li jistgħu jolqtu nħawi kbar tal-UE (inċidenti nukleari, pandemiji, eċċ.), u jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil dan l-aspett.

5.3 Jaqbel bis-sħiħ mal-isforzi tal-Kummissjoni biex tħaffef il-pass tal-proċeduri li jirregolaw il-funzjonament tal-FSUE, bil-kundizzjoni li dejjem jiġu ttrattati permezz ta' mekkaniżmi affidabbli, b'regoli ċari u sempliċi ta' funzjonament.

5.4 Jitlob lill-Istati Membri li jużaw il-mekkaniżmi tal-Fond b'mod prudenti, sabiex ma jkunx hemm reazzjonijiet negattivi fil-konfront tal-UE.

5.5 Jaqbel mal-proċedura tal-pagamenti bil-quddiem, kif ukoll mal-applikazzjoni tal-kategorija ta' "ħsara estiża", pereżempju għall-każijiet ta' nixfa. Jemmen ukoll li r-riforestazzjoni għandha tagħmel parti wkoll tal-ħidma ta' rkupru li ssir wara diżastri naturali.

5.6 Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tkun partikolarment severa fil-konfront tal-Istati Membri li, minkejja l-eżistenza ta' leġislazzjoni tal-UE u fondi Ewropej speċifiċi, juru negliġenza li twassal għal diżastri serji.

5.7 Il-KESE huwa tal-fehma li, fil-ġejjieni, it-tibdil fil-klima ser iwassal għal iżjed diżastri naturali, u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tinkludi dawn id-diżastri fir-regolament li qed jiġi rivedut.

5.8 Huwa tal-fehma li s-soċjetà ċivili dejjem taqdi rwol partikolarment importanti matul diżastri serji, u jitlob li l-Kummissjoni tintroduċi fir-regolament emendat il-possibbiltà li jiġu ffinanzjati wkoll organizzazzjonijiet speċjalizzati u liċenzjati ta' din ix-xorta li għandhom l-istrutturi u l-għarfien meħtieġa biex jipprovdu s-servizzi tagħhom.

5.9 Huwa tal-fehma li l-funzjonament effiċjenti tal-mekkaniżmi bħall-FSUE jagħmilha possibbli li l-UE tagħti xhieda tas-solidarjetà tagħha b'mod konkret u effettiv, u jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex iċ-ċittadini Ewropej jiġu mgħarrfa dwar ir-rwol tal-Unjoni.

5.10 Il-KESE huwa konvint li l-finanzjament tal-FSUE għandu jkun integrat fil-baġit ġenerali tal-UE sabiex jitnaqqas id-dewmien ikkaġunat mill-proċeduri attwali, li jsiru bil-mod wisq u huma burokratiċi, u li jinvolvu lill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandu jkun hemm ukoll mekkaniżmu li jissupplementa l-finanzjament f'każ ta' diżastri ta' skala eċċezzjonalment kbira li jitlob għajnuna addizzjonali.

5.11 Il-KESE jaqbel mal-Parlament Ewropew li l-valur limitu ta' 1,5 % tal-PDG reġjonali fil-livell tan-NUTS 2 huwa partikolarment għoli u jeskludi bosta diżastri serji mill-Fond, liema ħaġa twassal għal diżappunt kbir fost iċ-ċittadini. Għalhekk, huwa jipproponi li dan jonqos għal 1 % sabiex ikopri prinċipalment il-pajjiżi b'għadd baxx ta' popolazzjoni.

Brussell, 10 ta' Diċembru 2013

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE